

Kitba ta' Vincent Zammit

# Devozzjonijiet *fit-Toroq Żebbuġin*

Fit-toroq tagħna l-Maltin niltaqgħu ma' numru konsiderevoli ta' statwi u niċeċ li juru lil kulħadd wieħed mill-karattri nazzjonali tagħna, dak Nisrani. Ħafna mid-djar illum għandhom l-ismijiet partikulari tagħhom. Uħud minn dawn l-ismijiet juru wkoll id-devozzjoni tal-familja li tkun tgħix f'dik id-dar. Iżda dawn l-ismijiet huma xi ħaġa li wieħed jista' jgħidilha reċenti, u m'hemmx tradizzjoni ta' mijiet ta' snin għaliha. Fit-toroq tagħna naraw ukoll ħafna knejjes ta' kull daqs. Barra li jkun hemm il-knisja parrokkjali, niltaqgħu ukoll ma' knejjes oħra li wħud minnhom għadhom jiffunzjonaw sal-ġurnata ta' llum. Iżda barra minn hekk hemm ukoll ħafna niċeċ u statwi li niltaqgħu magħhom mal-faċċati ta' djar, palazzi, u anke fl-imsieraħ ta' l-ibliet u l-irħula tagħna.



F'Ħaż-Żebbuġ niltaqgħu ma' numru konsiderevoli ta' dawn id-devozzjonijiet. Kemm fit-toroq, mal-faċċati ta' djar, u anke wħud mill-istess ismijiet tad-djar għandhom dan il-karatteristika partikolari. Il-ħsieb wara din il-kitba hija li nagħtu ħarsa ħafifa lejn wħud minn dawn in-niċeċ u statwi li nsibu f'Ħaż-Żebbuġ[1].

Wieħed jista' jqassam dawn in-niċeċ fi tliet partijiet. Hemm dawk li huma ddedikati lil Sidna Ġesù Kristu, taħt titlu jew ieħor. Imbagħad hemm it-taqsima ta' niċeċ li huma mpoġġija taħt id-diversi titli li aħna l-Maltin nafu lill-Madonna. Naturalment l-aħħar parti hija dik fejn naraw diversi qaddisin imfakkra f'dawn n-niċeċ.

Il-qima lejn Sidna Ġesù Kristu nsibuha f'seba' niċeċ. Hemm tnejn li qegħdin juru lill-*Ecce Homo* u tnejn il-Qalb ta' Ġesù. Imbagħad hemm waħda kull wieħed li qegħdin juru lil Ġesù Redentur, Ġesù Salvatur u SS. Trinità u l-Erwieħ. Minn dawn id-devozzjonijiet nindunaw ukoll li hemm dawk li wieħed jista' jgħidilhom li huma antiki, u l-oħrajn li narawhom mibdija fi żminijiet aktar reċenti.

Rigward id-devozzjoni lejn il-Madonna wieħed jistenna li jkun hemm numru konsiderevoli minħabba l-pożizzjoni tal-Madonna fid-devozzjonijiet lokali kif ukoll dawk Insara. B'kollox niltaqgħu ma' 30 niċċa. Bħala devozzjonijiet hemm 9 differenti, u wieħed jara wkoll li

dawn huma l-aktar li wieħed jista' jgħid li huma popolari. Hemm tmienja li juru l-Madonna tal-Karmnu, erba' li juru lil Santa Marija, jew inkella t-Tlugħ tal-Madonna fis-Sema, u għaxra li juru l-Kunċizzjoni.

Jekk imbagħad niġu għall-qaddisin naraw li dawn kollha qegħdin juru qaddisin irġiel. B'kollox hemm tnejn u erbgħin waħda, u l-aktar żewġ qaddisin popolari huma bla dubju ta' xejn San Filippu u San Ġużepp. Hemm għaxar niċeċ/statwi għal kull qaddis. Sitta oħra qegħdin juru lil Santu Rokku, qaddis li jidher li għandu rabta partikolari ma' dan ir-raħal. Forsi, waħda mill-aktar niċeċ li hija tipika ta' dan il-qaddis, u anke ta' rħula Maltin hija dik li hemm eżattament faċċata tal-knisja ddedikata lill-istess qaddis.



[1] Studju interessanti dwar dan is-suġġett huwa ta' Tony Terribile *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin*, PIN 2000.